**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIELET SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

**Wieġeb b'sentenza waħda dawn il-mistoqsijiet.** **(10 x 2 = 20 marka)**

1. Liema Appostli kienu ma' Ġesù meta dan tbiddel fuq il-muntanja Tabor?

_______________________________________________

2. Min qal dan il-kliem: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu"?

_______________________________________________

3. Liema persuna tat-Trinità nitolbu biex tagħtina d-dawl biex nagħrfu l-verità?

_______________________________________________



4. Semmi **waħda** mit-tentazzjonijiet li Ġesù kellu fid-deżert.

_______________________________________________

5. Għaliex Ġesù għereq l-għaraq tad-demm fil-Ġnien taż-Żebbuġ?

_______________________________________________

6. Semmi ġrajja mit-Testment il-Qadim li turi mħabba sinċiera bejn tnejn min-nies.

_______________________________________________

7. Min fejn jiġu t-tentazzjonijiet tagħna? Semmi **tnejn** minnhom.

_______________________________________________

_______________________________________________

8. Għalxiex baqgħet magħrufa u maħbuba Madre Tereża?

_______________________________________________

9. X'għamel speċjali San Martin ma' wieħed fqir?

_______________________________________________

10. Semmi **żewġ** reliġjonijiet kbar li mhumiex insara.

_______________________________________________

**Taqsima B** **(5 x 3 = 15-il marka)**

**Aqra sew il-kwotazzjoni li ġejja u wieġeb il-mistoqsija.**

"Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li jinsab jgħammar fikom?"

*(1 Kor 6, 19)*

Semmi kif inti bħala żagħżugħ/a għandek tirrispetta s-sess oppost:

i) bil-mod kif nilbsu

---

ii) bil-mod kif nużaw għajnejna

---

iii) bil-mod kif nitkellmu

---

iv) bil-mod kif inġibu ruħna mal-ħbieb

---

v) fid-divertiment

---

**Taqsima Ċ** **(5 x 3 = 15-il marka)**

**Ikteb sentenza biex turi li taf xi jfissru dawn il-kelmiet.**

1. kuxjenza

---

---

2. tentazzjoni

---

---

3. idolatrija

---

---

4. okkult

---

---

5. sataniżmu

---

---

**Taqsima D** **(15-il marka)**

**Aqra u wieġeb.**



“Jien Hu Alla sidek, ma jkollox alla ieħor għajri.”

1. X’qed jitlob minnek Alla f’dan il-kmandament? (2)

2. Għaliex lil Alla għandna nagħtuh l-ewwel post f’ħajjitna? Semmi **żewġ** raġunijiet. (2)

3. Semmi **tliet** affarijiet li l-bniedem jista’ jibdilhom m’Alla. (3)

4. Għaliex l-okkult imur kontra dan il-kmandament? (2)

5. X’għandek tagħmel biex ma tiċċappasx ma’ dan il-vizzju? (2)

6. Ikteb talba lil Alla biex jgħinek u jeħilsek minn dan il-vizzju. (4)

**Taqsima E** **(5 x 2 = 10 marki)**

Fisser dawn is-sentenzi.

1. “U la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.” *(Mt 6,13)*

2. “Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu lil xulxin.” *(Ġw 13,34)*

3. “Jien hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.” *(Ġw 14,6)*

_______________________________________________

_______________________________________________

4. “U Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu, fuq xbihet Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom.” *(Ġen 1,27)*

_______________________________________________

_______________________________________________

5. “Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma’ martu u jsiru ġisem wieħed.” *(Ġen 2,24)*

_______________________________________________

_______________________________________________

**Taqsima F** **(25 marki)**

Wieġeb **WAĦDA** minn dawn il-mistoqsijiet fit-tul fuq karta separata.

1. Mill-Evanġelju jidher ċar li Ġesù bena ma’ l-appostli ħbiberija sinċiera u qawwija.

   a. Ikteb **żewġ** ġrajjiet fejn Ġesù wera l-ħbiberija tiegħu ma’ l-appostli. (L-Aħħar Ċena, it-tieġ ta’ Kana, fil-Ġnien taż-Żebbuġ, it-Trasfigurazzjoni). (10 marki)

   b. Għid x’jista’ jtellifna milli nibnu ħbiberija sinċiera ma’ sħabna u ma’ Ġesù. (6 marki)

   ċ. Kif għandha tkun il-ħbiberija tagħna ma’ l-oħrajn? Wieġeb **f’mhux inqas minn 50 kelma**. (9 marki)

2. “Kull ma tagħmlu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, tkunu tagħmluh miegħi.”

   a. X’għandna nagħmlu aħna għal ħutna biex nobdu dan il-kmandament? Semmi **żewġ** eżempji. (10 marki)

   b. X’għamlu dawn in-nies biex jgħixu dan il-kmandament ta’ l-imħabba?

      i. Tobija
      ii. San Ġorġ Preca jew qaddis ieħor (6 marki)

   ċ. Kompli u fisser **tliet** punti mit-talba ta’ San Franġisk.

   “Mulej, għamilni strument tal-paċi tiegħek.
   Fejn hemm il-mibegħda, ħallini...
   Fejn hemm il-ħtija, ħallini...
   Fejn hemm id-dubju, ħallini...
   Fejn hemm qtigħ ta’ qalb, ħallini...
   Fejn hemm id-dlam, ħallini...
   Fejn hemm in-niket, ħallini... (9 marki)